# L-ORATORJU TAL-FRATELLANZA TAS-SSMU KURĊIFISS - PARROĊĊA TA' BORMLA

Madwar tliet mitt sena ilu jiġifieri fl-10 ta' Settembru 1674 ġiet mwaqqfa fil-Parroċċa ta' Bormla il-Fratellanza tas-SSmu Kurċifiss. Fost l-għanijiet sbieħ li kellha u għad għandha din il-Fratellanza, kien hemm l-iskop li teduka lill-Membri tagħha kif ukoll li taħseb fis-suffraġi ta' ruħhom. Għalhekk kull membru għandu d-dritt li jindifen fl-Oqbra tal-Fratellanza kif ukoll għandu dritt għal ħafna suffraġi wara mewtu.

F'din il-Fratellanza nsibu nies prominenti bħal ma kien l-Isqof Alpheran de Bussan, l-Isqof Labini u l-Isqof Mattei. Il-Fratellanza ħadet ħsieb li tibni l-Oratorju li huwa magħqud mal-Parroċċa. L-ewwel ġebla ta' dan l-Oratorju tqegħdet fl-ottava tal-Kunċizzjoni 1731, mill-Isqof ta' Malta Pawlu Alpheran de Bussan. Dan l-Oratorju huwa ġawhra ta' Arti. Biżżejjed insemmu dawk l-erba' statwi mnaqqxa fil-ġebel li jirrappreżentaw lil Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani u dik ta' Kristu marbut mal-Kolonna magħmula mill-Iskultur Pawlu Zahra u dawk ta' Kristu inkurunat bix-xewk, u dik ta' Kristu mgħobbi bis-Salib maħduma mill-Iskultur Francesco Fabri.

Ta' min isemmi wkoll il-pittura tal-Kwadru ta' l-Artal tal-Maġġur magħmula mill-famuż Francesco Zahra. Ma nistax inħalli barra x-xogħol sabiħ tal-Injam tal-Kattedra tar-Rettur, il-Pulptu, l-bankijiet u l-kaxxaretti, xogħol tal-aħwa Borg.

Il-Fratellanza tieħu ħsieb tal-Vari tal-Ġimgħa Kbira u dik ta' Kristu Rxoxt kif ukoll tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll ta'Kristu Rxoxt.

Meta dan l-aħħar ġejt magħżul bħala Prokuratur tal-Fratellanza, jien bdejt inġib quddiem għajnejja l-Prokuraturi ta' qabli. Kemm ħadmu u kemm stinkaw, donni bdejt naqta' qalbi. Imma mall-ewwel indunajt li ma kontx waħdi għaliex barra d-diversi benefatturi li sibt, kont ixxurtjat li sibt dak il-Grupp li nsejħulu d-Dilettanti tal-Festa li jagħmlu minn kollox biex jgħinuni.

Kienu huma li ħadu ħsieb jarmaw il-Vari, li jorganizzaw il-Pageant tal-Purċissjoni u ħafna affarijiet oħra li ma kontx nasal li nagħmel jekk mhux bl-għajnuna tagħhom. Jalla l-Mulej li tana din il-grazzja tal-Għaqda f'Bormla li tkompli teżiżti għall-ġid ta' ruħna u għall-glorja ta' pajjiżna.

Qabel ma nagħlaq nixtieq li din il-ġawhra ta' Arti tkun aktar apprezzata billi nagħmlu minn kollox biex tkun aktar magħrufa.

*Kan. Kantur Gustavo M. Barbara*
*Prokuratur Fratellanza SS.mu Kurċifiss*



***Preżentazzjoni ta' tazza lill- Banda San Ġorġ mill- Prokuratur tal-Kurċifiss Can. Dun G. Barbara li ġiet mogħtija lilu mill-Għaqda Dilettanti tal-Festa***